MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1257/2002

**Reginald Bugeja**

**vs**

**Charmaine Calleja u Direttur tar-Registru Pubbliku**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta’ Novembru 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni frott ta’ liema twielet fil-11 ta’ Lulju 1999 il-minuri Chalise Nicole Dok. “RB1”;

Illi l-attur kellu access liberu ghall-istess tarbija fi zmien illi partijiet kienu johrogu flimkien u anki ghall-perjodu wara li ntemmet ir-relazzjoni izda sussegwentement il-konvenuta arbitrarjament bdiet icahhad l-attur mill-istess access;

Illi malli gie mcahhad mill-access ghall-bintu l-attur intavola rikors quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fejn talab access lejn l-istess bintu (Dok. "RB2") liema rikors gie wkoll milqugh minn dik l-Onorabbli Qorti;

Illi fl-istess zmien l-attur permezz ta' skrittura in atti man-Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer tad-19 ta' Settembru 2002 (Dok. "RB3") irrikonoxxa lill-minuri Chalise Nicole bhala bintu naturali;

Illi sussegwentement b'digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1692/2002 u mmarkat Dok. "RB4" l-access lejn l-attur gie mwaqqaf kif ukoll l-attur gie a konoxxenza tal-fatt illi l-konvenuta kienet hadet il-passi kollha sabiex taddotta lill-minuri bint bil-konsegwenzi kollha illi tali jikkomporta;

Illi konsegwenza li l-attur ma kienx a konoxxenza ta' dawn il-proceduri u peress illi huwa ma giex notifikat bl-atti tar-rikors dwar l-addozzjoni huwa ma deherx quddiem l-Onorabbli Qorti;

Illi l-attur m' ghandhux access ghall-atti tal-process tal-addozzjoni u ma jistax jivverifika l-fatti;

Illi l-agir tal-konvenuta huwa ksur manifest tad-drittijiet tieghu bhala missier illi jezercita kwalsiasi drittijiet lejn bintu nkluz dak ta' access u peress illi b'konsegwenza ta' din l-addozzjoni l-attur tnehhietlu kwalsiasi setgha ta' missier fuq it-tarbija;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna t-thassir u r-revoka *contrario imperio* tad-digriet numru 1253/A/2001 moghti mill-Onorabbli Qorti Sekond' Awla Civili li permezz tieghu l-konvenuta addottat lill-minuri Chalise Nicole;

2. Tornda lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 2346/1999 u specifikatament fil-kolonna fejn ghandhom jidhru l-

konnotati tal-missier tat-tarbija u cioe' l-isem u l-kunjom, il-professjoni, is-sengha jew stat iehor, l-eta', id-data tat-twelid, fejn twieled u fejn joqghod l-isem u l-kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet jigu nseriti l-konnotati tal-attur u jithassru l-kelmiet *"unknown father";*

3. Tordna illi tali korrezzjoni ssir f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez il-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici datata 6 ta' Novembru, 2002, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 u fol 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 10 ta' Jannar 2003.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-28 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Charmaine Calleja datata 26 ta' Frar 2003 a fol. 24 u fol. 25 tal-process, fejn ecipit bir-rispett;

1. Illi preliminarjament, l-attur ghandu jindika l-provvediment tal-ligi illi fuqu huwa qieghed isejjes il-kawza minnu ntavolata;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *stante* illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili u wisq inqas li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet numru 1253/A/2001 moghti mill-imsemmija Onorabbli Qorti;

3. Illi *di piu'* d-digriet numru 1253/A/2001 moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili nghata wara li giet sugwita l-procedura korretta kif stabbilita' mill-ligi u wara r-rapport rilaxxjat mill-kuratur nominat mill-imsemmija Onorabbli Qorti skond il-ligi;

4. Illi m'huwiex minnu illi gew lezi d-drittijiet tal-attur kif minnu lamentat u fir-realta' mid-data tat-twelid tal-minuri Chalise Nicole Calleja l-attur qatta' parti l-kbira tal-hin tieghu jiskonta sentenzi ta' habs fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u f'ward 10 tal-isptar Monte Carmeli fejn ghadu rikoverat sal-lum;

5. Illi fil-mument tad-digriet tal-adozzjoni l-minuri Chalise Nicole kienet bint missier mhux maghruf, kif jirrizulta minn Dok. "A" prezentat mac-citazzjoni attrici, u kwindi l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili ma kellha ebda obbligu li tgharraf lill-attur bil-proceduri ta' addozzjoni *stante* illi l-attur ma kellu ebda *'locus standi'* legali fil-konfront tal-istess minuri;

6. Illi fir-realta' huwa null u bla ebda effett il-kuntatt ta' rikonoxximent ta' paternita' datat 19 ta' Settembru 2002 u skritt fl-atti tan-Nutar Dottor Gertrude Farrugia Wismayer *stante* illi dan sar wara d-digriet finali ta' addozzjoni numru 1253/A/2001.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Charmaine Calleja u l-lista tax-xhieda, a fol. 26 u fol. 27 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 27 ta' Frar 2003, a fol. 27 fejn espona bir-rispett:-

1. Illi l-esponent m' huwiex edott mill-fatti kollha tal-kaz izda jirrileva illi jidher li l-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ghall-adozzjoni ta' Chalise Nicole gew mibdija qabel mal-istess attur irrikonoxxa lill-istess minuri;

2. Illi jidher illi ghalkemm l-attur ighid li dejjem kellu access ghall-minuri dan ma ghamel xejn biex jirristabilixxi tali access meta dan gie michud lilu mill-konvenuta

Charmaine Calleja u lanqas m' ghamel xejn biex iwettaq il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-Twelid ta' l-istess minuri wara li rrikonoxxa lill-minuri fid-19 ta' Settembru 2002;

3. Illi ghalhekk ma jidhirx illi l-proceduri ta' adozzjoni msemmija fic-citazzjoni kienu b' xi mod kontra l-ligi;

4. Illi t-tieni u t-tielet talba tal-attur huma konsegwenza tal-ewwel talba u ghandhom bhalhom jigu michuda;

5. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut li m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

6. Illi salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Ditettur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol. 28 u fol. 29 tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta' April 2003 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 90 jum kull wiehed. Il-Qorti nominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju w ordnatliha biex izzomm zewg seduti ghall-provi attrici u zewg seduti ghall-provi konvenuti fil-mori ta' dan id-differiment, liema provi ma jkunx producibbli bil-procedura tal-affidavit. Dr. Joanna Vella Cuschieri ghall-kovenuta obbligat ruhha li fi zmien 10 t'ijiem mid-data tal-verbal tindika permezz ta' nota l-artikoli li abbazi taghhom ghamlet l-azzonji taghha b' kopja lill-kontro-parti.

Rat ir-rikors tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datat 9 ta' April 2003, a fol. 35, fejn talab bir-rispett li jigi moghti permess biex jipprezenta l-annessa nota ta' referenza taz-zewg artikoli issa wara li ghalqu l-proceduri tal-provi.

Rat id-digriet datat 9 ta' April 2003, a fol. 37 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors u nota lill-kontroparti kollha b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat in-nota tal-attur Reginald Bugeja datata 11 ta' April 2003, a fol. 38.

Rat id-digriet datat 8 ta' Mejju 2003, a fol. 39 fejn il-Qorti revokat id-digriet taghha tal-10 ta' April 2003 *contrario imperio* u laqghat it-talba.

Rat ir-rikors tal-attur Reginald Bugeja datat 11 ta' April 2003, a fol. 41, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tieghu sabiex jigi anness il-process rigwardanti d-digriet tal-adozzjoni bin-numru 1253/A/2001 u konsegwentement tordna li dan jigi hekk anness u dan taht kull provvediment li din l-Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet datat 15 ta' April 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat in-nota tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 24 ta' April 2003, a fol. 44.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Charmaine Calleja, datata 29 ta' April 2003, a fol. 46 tal-process.

Rat ir-risposta tal-kovenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 5 ta' Mejju 2003, a fol. 47.

Rat ir-risposta tal-attur Reginald Bugeja datata 2 ta' Mejju 2003, a fol. 48.

Rat id-digriet datat 8 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba abbazi b'dak provdut *inter alia* fil-ligi inkluz l-**artikolu 269 (5) tal-Kap. 16** u l-**artikolu 482 (2) tal-Kap. 12.**

Rat in-nota tal-attur datata 7 ta' Lulju 2003, a fol. 51, li permezz taghha l-attur prezenta l-affidavit tieghu, ta' Maria Mifsud, ta' Sarah Jane Mifsud, Helen Bugeja, Doris Bugeja, Rosette sive Rose Grech, Magdeline Bugeja u ta' Marietta Lanzon.

Rat in-nota tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datat 14 ta' Lulju 2003, a fol. 87 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta Charmaine Calleja datata 6 ta' Awissu 2003, a fol. 88 li permezz taghha prezentat l-

affidavit taghha, ta' Lilian Calleja u ta' Doris Zammit Cordina.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, minn fol. 113 sa fol. 115.

Rat in-nota tal-attur Reginald Bugeja a fol. 116.

Rat il-verbal datat 4 ta' Novembru 2003, fejn id-difensuri talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u ppreffiggiet terminu ta' 40 jum lill-attur bin-notifika lill-kontroparti li jkollha 40 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat ir-rikors tal-attur Reginald Bugeja datat 10 ta' Dicembru 2003, a fol. 149, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja d-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2003 billi testendi z-zmien sabiex l-esponent jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fi zmien erbghin gurnata minn dak in-nhar li t-traskrizzjoni in kwistjoni tidhol fil-process u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 22 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba, biss fis-sens li tali ta' erbghin (40) gurnata jibdew jghaddu mid-data tal-verbal.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Reginald Bugeja datata 5 ta' Frar 2004, a fol 152 tal-process.

Rat in-nota responsiva tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 29 ta' Marzu 2004, a fol 161 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Reginald Bugeja datata 26 ta' Mejju 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Rat l-affidavit tal-**attur Reginald Bugeja,** ta’ **Maria Mifsud,** ta’ **Sarah Jane Mifsud,** ta’ **Helen Bugeja,** ta’ **Doris Bugeja,** ta’ **Rosette sive Rose Grech,** ta’ **Magdeline Bugeja** u ta’ **Marietta Lanzon.** Tali affidavit gew prezentati permezz ta’ nota datata 7 ta’ Lulju 2003 u jinsabu minn fol. 52 sa fol. 58 tal-process. Illi xehdu wkoll diversi xhieda quddiem l-Assistenta Gudizzjarja inkluz il-kontro-ezami.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tordna l-allegazzjoni tal-process tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili numru 1253/A/2001 decretat mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri datat 13 ta’ Frar 2001 u dan kemm fl-interess tal-gustizzja, u biex il-gustizzja mhux biss issir izda tidher li qieghda ssir, u dan id-digriet b’hekk qed jirrevoka kull digriet iehor precedenti ghal dan li kien inghata minn din il-Qorti, u dan peress li jirrizulta car li la darba huwa proprju dan id-digriet li qed jigi attakat mill-attur, huwa fl-interess tal-gustizzja, *stante* wkoll in-natura delikata tal-istess kaz, li dan id-Digriet jaghmel parti mill-atti ta’ din il-kawza, altrimenti l-process ma’ jkunx integru. Ovvjament huwa fl-interess tal-gustizzja li din il-Qorti jkollha l-atti kollha quddiema, u allura dan ma jistax issir jekk id-digriet in parola ma’ jkunx parti minn dan il-process, u dan iktar u iktar meta l-istess konvenuta esebiet hija stess ir-rapport tal-kuratur, li fuqhu huwa bbazat d-digriet tas-Sekond’Awla, fl-atti ta’ din l-kawza, b’dan ukoll li din il-Qorti tordna li l-istess process ta’ l’imsemmi digriet jkun disponibbli biss lill-Qorti u lill-partijiet fil-kawza u lil hadd izjed, u fil-fatt sakemm tinqata’ din il-kawza dan ser jinzamm fis-sigrieta’ ta’ din il-Qorti, u wara d-data ta’ l-istess sentenza jinbaghat biex jinzamm fir-Registru tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, jew dak li llum hija l-Prim’Awla, Sezzjoni Volontarja.

Illi l-attur fil-fatt qed jghid li huwa l-missier tal-minuri Chalise Nicole Calleja li twieldet fil-11 ta’ Lulju 1999, u kellu access liberu ghall-istess minuri sakemm huwa kellu

relazzjoni mal-konvenuta. Meta l-istess minuri kellha sentejn u nofs il-konvenuta ma hallietlux access izjed ghall-istess minuri u jghid li pprezenta rikors fejn talab lis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex takkorda access lill-istess minuri. Tali rikors datat 23 ta' Awissu 2002. Illi b'att pubbliku datat 19 ta' Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Gertrude Farrugia Wismayer l-istess attur iddikjara li huwa l-missier ta' l-istess minuri, u b'hekk irrikonoxxa l-paternita' tal-istess tifla u assuma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-paternita' tal-istess minuri u kull responsabilita' relattiva – Dok. "RB 3" – fol. 9 tal-process. Illi b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia datat 10 ta' Settembru 2002 l-istess attur inghata access ghall-istess minuri kull nhar ta' Tlieta u Hamis mit-3.00.p.m.

Illi wara rikors *da parte* tal-konvenuta datat 18 ta' Settembru 2002, fejn fih indikat lill-Qorti li l-istess minuri giet addottata mill-konvenuta bid-digriet datat 13 ta' Frar 2001, l-istess Digriet ta' l-access gie revokat *contrario imperio* mill-istess Qorti tas-Sekond'Awla Civili ta' l-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia fejn qalet *inter alia* li:-

*"Fl-ewwel lok tosserva lir –rikorrenti u l-Avukat taghha li meta ipprezentaw ir-risposta taghha ghar-rikors ta' Reginald Bugeja fl-atti tad-Digriet numru 1535/2002 ma indikawx li kienet saret procedura ta' adozzjoni fil-konfront tat-tifla u b'hekk din il-Qorti giet effettivament zgwidata;*

*Rat li issa l-atti tad-digriet numru 1253/A/2001 li inforza tieghu l-minuri giet adottata minn Charmaine Calleja bhala "single mother". Fic-cirkostanzi, tilqa' t-talba u tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru 2002 (1536/2002) u tichad kull access lill-Reginald Bugeja".*

Illi kien ghalhekk li l-istess attur intavola din il-kawza fis-6 ta' Novembru 2002 sabiex jigi revokat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti dwar l-adozzjoni tal-istess minuri minn ommha. Mill-istess provi prodotti mill-attur jirrizulta li ghalkemm huwa ma kienx mizzewweg lill-konvenuta, xorta wahda ppjanaw li jkollhom tarbija u kien prezenti

ghat-twelied tal-istess tarbija, u skond l-attur l-istess tarbija ma gietx registrata fuq isem l-attur ghaliex l-attrici qaltlu li kienet ser tiehu r-relief ghat-tifla. Jammetti li f'dak iz-zmien kien ibati minn vizzju tad-droga u llum il-gurnata jghid li heles minnu. It-tarbija taghmdet u l-attur kien prezenti. Fl-ewwel ghaxar xhur l-attur u l-konvenuta ghexu flimkien u l-istess tarbija kienet titiehed ghand il-familjari taz-zewg genituri regolarment. Wara ghaxar xhur kien hemm disgwid bejn l-istess genituri pero' l-attur jghid li xorta baqa' jara l-istess tarbija u l-istess minuri damet xi zmien tiehu hsiebha oht l-attur Rose, peress li l-genituri tal-konvenuta kienu sifru u l-konvenuta kienet qalet li ma setghetx tlahhaq max-xoghol u mat-tifla, u l-istess konvenuta fil-fatt kienet torqod ghand ohtu. L-istess minuri kienet xorta titiehed minn ommha ghand omm l-attur.

Illi wara xi sena li l-istess genituri ma baqawx jaraw lill-xulxin il-konvenuta bdiet taqta' milli thalli lill-attur jara lill-istess minuri u dan kien fi zmien meta l-attur kien ghadu qed jipprova jaqta' l-vizzju tad-droga.  Dak iz-zmien stess kien hemm sentenza tal-Qorti kriminali fejn l-istess attur inghata piena ta' habs ghalkemm huwa xorta insista li jara lill-bintu *tramite* hutu. Pero' skond huwa l-konvenuta ma tatx widen ghal dan anke peress li bdiet tohrog ma' guvni iehor. Ftit wara hareg mill-habs u f'Lulju 2002 il-konvenuta halliet lill-attur jara lill-istess tarbija u wara beda l-proceduri sabiex ikollu access ghall-istess minuri u jghid li wara l-ewwel rikors l-istess konvenuta ma cahditx li huwa missierha, izda oggezzjonat ghall-access peress li sostniet li l-attur kien ghad kellu il-vizzju tad-droga. Semma' kif sar jaf bid-digriet tal-adozzjoni fuq indikat waqt l-istess proceduri u jghid li sad-data tal-istess digret fi Frar 2001 huwa kien ghadu jara lill-istess tifla. Jghid li fil-kors tal-proceduri tal-adozzjoni l-konvenuta xehdet falz ghaliex iddikjarat li ma kienitx taf min huwa missier l-istess minuri u jghid ukoll li huwa qatt ma gie maghrraf bil-proceduri ta' adozzjoni. Esebixxa diversi ritratti tieghu u tal-familjari tieghu ma' l-istess minuri.  Esebixxa ukoll ittri allegatament miktuba lilhu mill-konvenuta fejn hemm diversi referenzi ghall-minuri bhala missier l-istess tarbija u dan kollu jinsab esebit minn fol. 59 sa fol. 70 tal-process, inkluz *Christmas Card* u *Birthday Card.* Hemm

affidavit ta' familjari tal-attur li jikkonfermaw it-tezi attrici inkluzi dawk ta' Maria Mifsud, ta' Sarah Jane Mifsud, ta' Helen Bugeja (il-mara ta' hu Reginald Bugeja), ta' ohtu Doris Bugeja w ta' ohtu Magdelene Bugeja.

Illi din il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-konvenuta datat 4 ta' Awissu 2003 fejn hija tispjega r-relazzjoni li hija kellha mal-attur minn meta kellha 13 il sena. Relazzjoni li ma kinitx kontinwa minhabba l-vizzju tad-droga li kellu l-attur. Xorta tammetti li kienet accettat il-proposta tal-attur li jkollhom tarbija tant li tghid hekk:-

*"hu kien issugerieli li jkollna tarbija biex il-hajja tieghu jkollha raguni u b'hekk zgur li qatt ma kien jerga jaqa' ghall- vizzju tad-droga. Jiena kont accettajt bil-kondizzjoni illi huwa kellu jkun sincier u onest mieghi u ma jergax jaqa' ghall-vizzju tad-droga, peress illi minghalija huwa kien hareg minn dan il-vizzju".*

Illi l-konvenuta tirrakonta kif r-relazzjoni kompliet u ssemmi li l-attur xorta wahda baqa' jiehu d-droga, u seraq ukoll. Madankollu tghid li huwa kien maghha meta twieldet it-tarbija u anke ghall-maghmudija. Tispjega ghaliex ma' tnizzilx l-attur fic-certifikat tat-twelid bhala missier it-tarbija hekk:-

*"Fic-certifikat tat-twelid it-tifla giet imnizzla bhala bint missier mhux maghruf anke ghaliex l-attur qatt ma kellu impjieg fiss, kien ghadu bil-problema tad-droga u ma kellux mezzi biex imantniha. Din ma kinitx decizjoni tieghi biss izda decizjoni tat-tnejn li ahna".* (fol.90).

Illi l-konvenuta baqghet issemmi l-problemi kollha tal-attur kemm fuq ix-xoghol u kemm bid-droga u tghid li kemm il-darba seraq anke minghand il-genituri taghha u tghid li l-istess attur qatt ma mantna lill-bintu. Pero' tammetti wkoll li hija kienet tiehu t-tifla ghand ommu u kien ikun hemm ukoll oht l-attur. Meta l-attur dahal il-habs kienet irrifjutat li tiehu t-tifla sabiex jaraha. Wara li hareg mill-habs tghid li l-attur qalla biex it-tifla ma gbibhiex izjed. Wara tmien xhur l-attur *tramite* Helen Bugeja talabha biex jara t-tifla izda l-konvenuta bezghet u tghid li t-tifla ma riditx tara lill-attur.

Hawn ghamlet il-proceduri ghall-adozzjoni u dan *"ghaliex l-attur mhuwiex persuna idonea biex ikollu f'idejh poteri fuq it-tifla".*

Illi mir-rapport tal-kuratur tal-addottata jirrizulta li r-rikorrenti gie indikat mill-konvenuta bhala l-missier ta' l-istess tarbija izda jidher li l-istess kuratur l-Avukat Dr. Ramon Rossiganud bl-ebda mod ma kkomunika mal-istess missier, u dan jidher li ghamlu peress li mexa' abbazi ta' l-**artikolu 115 (4) (a) tal-Kap 16** li jipprovdi li *"il-Qorti ghandha fil-kaz ta' persuna llegittima tisma' lill-missier naturali jekk dan ikun gharaf b'ibnu lill-persuna li tkun ser tigi adottata jew jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun ikkontribwixxa ghall-manteniment taghha jew ikun wera interess genwin u kontinwu fiha".* Illi jidher li l-istess kuratur ma' hass il-bzonn li jaghraf jew ikellem lill-missier il-minuri ghaliex qal li *"fil-kaz inezami rrizulta abbondantament li l-missier naturali la rrikonoxxa lill-minuri u lanqas ikkontribwixxa ghall-manteniment taghha. Hu m'ghandu ebda interess fiha u sfortunatament qabad il-vizzju tad-droga u tad-delinkwenza u spicca l-habs. F'dawn ic-cirkostanzi, m'hemmx il-htiega li jinstema' l-missier naturali f'dawn il-proceduri".*

Illi jidher li l-istess decizjoni ittiehdet mill-imsemmi kuratur mid-dettalji moghtija mill-konvenuta u mill-familjari taghha, u l-attur ma gie bl-ebda mod informat bil-proceduri u l-istess kuratur u wara l-Qorti tas-Sekond'Awla jidher li kkonkudew li abbazi ta' dak li semghu mir-rikorrenti, li l-missier ma' kellhux jinstema'.

Illi 'n verita' l-missier setgha ma jinstemax taht certu cirkostanzi biss fosthom dawk indikati skond l-**artikolu 117 (1) (b) tal-Kap 16** u cjoe' meta *"persuna li tkun mehtiega li tigi mismugha, ma tkunx tista' tinstab jew ma tkunx tista' turi l-fehmiet taghha".* Certament lid an ma jirrizultax mill-kaz in ezami, stante li jirrizulta li l-istess attur setgha facilment jinstab attawalment fejn kien.

Illi jista' jkun li l-istess decizjoni li ma jinstemghax missier l-istess minuri ttiehdet abbazi ta' **l-artikolu 117 (1) (c) tal-Kap 16** *"minhabba ragunijiet specjali u eccezzjonali u*

*wara li tqis l-interessi tal-persuni kollha koncernati, ikun xieraq li hi tehles minn kull smiegh u kunsens bhal dawk".*

Illi huwa vera li l-istess attur kien dak iz-zmien ghadu bil-vizzju tad-droga u kien mar ukoll il-habs, dettalji relevanti indikati mill-istess kuratur fir-rapport tieghu, pero' certament li dan ma jfissirx li l-lehen tal-missier ma' kellhux jinstema', u dan iktar u iktar fil-kaz odjern fejn jidher car mill-atti kollha relattivi li kien hemm konflitt bejn il-genituri tal-istess minuri dwar l-access ghall-missier. L-att ta' adozzjoni ma huwiex wiehed li ghandu jittiehed b'mod ljev u l-konsegwenzi tal-istess digriet huma serji hafna, ghaliex jaqta' skond il-ligi taghna kull legami mal-genituri naturali tal-istess.  Fil-kaz in ezami dan japplika ghall-missier.

Illi fil-fatt id-dritt ta' missier illegettimu huwa biss li jinstema' mill-Qorti, u dan fl-interess kemm tal-istess minuri w ukoll tal-istess missier, u huwa biss f'cirkostanzi eccezzjonali li dan is-smigh jista' jigi mnehhi.

Illi fil-kaz in ezami jidher li l-istess kuratur u s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili qaghdu biss fuq dak li qalet il-konvenuta, u tant huwa minnu dan li wara li r-rapport gie prezentat u mahluf minn Dr. Ramon Rossignaud bhala kuratur fis-7 ta' Novembru 2001, kull ma sar kienet biss seduta fit-13 ta' Frar 2001 fejn l-konvenuta ddikjarat bil-gurament li *"il-missier biologiku tat-tarbija qatt ma ha ebda interess fit-tarbija u qatt ma mantniha"*  u dak in-nhar stess inghata digriet fejn it-talba tal-konvenuta ghall-adozzjoni tal-imsemmija minuri giet milqugha wara li l-Qorti ddikjarat li "*rrizultalha car li l-missier naturali ma werriex interess lejn il-minuri u dan anki meta wiehed jara c-certifikat shih tat-twelid tal-minuri jidher li ma hemm ebda annotazzjoni".*

Illi bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti umilment tinnota li l-fatt li l-istess tarbija sa dak iz-zmien ma gietx rikonnoxxuta fl-att tat-twelid tal-istess tarbija ma tfissirx li l-istess missier ma' kellhux u lanqas wera interess fl-istess minuri, u fil-fatt l-**artikolu 115 (4)** jesigi li l-Qorti tisma' lill-missier kemm jekk ikun gharaf lill-minuri, u kemm jekk dan ikun ma sarx jekk ikun wera interess genwin u kontinwu fih, b'dan allura

li missier li ma jkunx indikat fl-att tat-twelid bhala tali, u li anke ma jkunx mantna lill-istess wild, xorta wahda ghandu dritt jinstema jekk ikun wera interess fl-istess minuri, b'mod genwin u b'mod kontinwu.

Illi fuq kollox l-esenzjoni min tali smiegh seghet issir biss abbazi ta' **l-artikolu 117 (1) (b) u (c) tal-Kap 16** u fl-opinjoni ta' din il-Qorti s-**subartikolu (b)** ma japplikax ghall- kaz *de quo* u r-ragunijiet specjali u eccezzjonali indikati fis-**subartikolu** (c) ma kienux jezistu, u fl-ahjar ipotesi l-Qorti ma indikatx l-ebda raguijiet specjali u eccezzjonali ghaliex tali smiegh tal-missier naturali ma' kellhux issir.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn in-nuqqasijiet huma serjissimi, u dan iktar isir serju jekk wiehed jezamina l-effetti ta' tali adozzjoni li qatghet legalment lill-missier naturali ta' l-istess minuri minn kull dritt legali verso l-istess minuri bintu, u ghalhekk certament li d-dispensa tas-smiegh tieghu kellha tkun ghar-ragunijiet serjissimi u eccezzjonali, li bir-rispett kollu lejn il-proceduri li saru fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, ma kienux jezistu.

Illi dan huwa iktar serju meta l-istess missier il-minuri gie mill-ewwel indikat fl-istess proceduri u setgha facilment jinstema' kemm mill-kuratur u kemm mill-istess Qorti.

Illi s-sitwazzjoni tiggrava meta jidher li l-istess Qorti qaghdet fuq id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenuta fejn qalet li l-attur qatt ma ha ebda interess fit-tarbija. Dan huwa manifestament mhux minnu u dan jidher mill-korrispondenza li kienet tikteb il-konvenuta stess lill-attur, inkluz kartolini, u wkoll mill-affidavit taghha w ukoll mill-affidavit tal-attur u l-familjari tieghu kollha, u dan apparti r-ritratti hawn esebiti.

Illi tant mhux minnu dan li jidher car li l-istess konvenuta inizjat l-proceduri ta' adozzjoni proprju sabiex hija ma thalliex lill-attur bhala missier il-minuri jkollu access jew dritt li jkollu xi kuntatt ghall-istess minuri, tant li hija fl-affidavit taghha qalet li ghamlet dawn il-proceduri *"fl-interess ta' binti ghaliex l-attur mhuwiex persuna idonea*

*biex ikollu f'idejh poteri fuq it-tifla".* Illi fil-fatt waqt il-proceduri tal-istess adozzjoni jew almenu meta inbdew l-konvenuta tghid li l-attur kellhu access ghall-istess minuri fil-presenza ta' xi familjari tieghu.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car li l-istess konvenuta abbuzat mill-proceduri ta' adozzjoni quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, billi uzat tali proceduri ghall-interessi taghha u mhux dawk tal-minuri. Riedet li l-istess attur legalment ma' jkollhux dritt lanqas biss jitlob access ghall-istess minuri, u ghalhekk svijat lill-Qorti, meta wkoll ma qalitx il-verita' dwar il-fatt li l-istess attur kien qed juri interess li jara lill-minuri, u kien involva ruhhu sew ghal xi zmien fil-hajja ta' l-istess minuri.

Illi jidher car li anke jekk il-Qorti toqghod fuq dak biss li qalet il-konvenuta fl-affidavit taghha hawn prezentat, xorta wahda jirrizulta li hija ma qalitx is-sewwa meta hadhet il-gurament li l-attur *qatt* ma ha interess fl-istess minuri. Anzi mill-affidavit tieghu, korroborat kif inghad anke mix-xhieda kollha minnu prodotta u f'hafna minnu mill-istess konvenuta, apparti diversi dokumenti ohra, bhal ritratti, korrispondenza u kartolini, jidher li l-istess attur wera interess kontinwu fl-istess minuri anke meta kien il-habs, u certament li l-elementi kollha abbazi ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 115 (4) (a)** ma jezistux.

Illi din il-Qorti hija wkoll tal-opinjoni soda li dan il-konvenuta kienet tafu mill-bidu ta' l-istess proceduri ghaliex bdiet l-istess proceduri proprju sabiex l-attur jigi maqtugh mill-hajja ta' bintu, skop li l-procedura u l-istitut ta' adozzjoni ma giex ikkreat ghalhekk u bla ebda dubju din il-Qorti thoss li l-istess konvenuta mhux biss abbuzat mill-istess procedura ta' adozzjoni, izda adirittura svijat lill-istess Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti fl-ghoti ta' l-imsemmi digriet.

Illi fil-fatt fil-procedura addottata sabiex l-istess konvenuta bhala *single mother* taddotta lill-bintha mill-ewwel iqum id-dubju ghaliex l-istess procedura giet inizjata, peress li l-omm gja kellha d-drittjiet ta' genitur fuq l-istess wild, liema drittijiet kienu effettivament qed jigu ezercitati minnha.

Illi jinghad ukoll li sussewgentement ghal dan id-Digriet f'kazijiet ohra l-istess Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat f'diversi digrieti dwar talbiet simili ta' genitur, direttivi sabiex l-istess istitut ta' adozzjoni ma' jigix abbuzat. Hekk fil-fatt digriet simili jghid li:-

*"Illi fil-waqt li hu minnu li l-***artikolu 115 (1) (b) tal-Kap 16** *jista' jigi interpretat li jippermetti lill-omm naturali li tadotta wahedha tarbija, ma thossx li l-'mis legis huwa f'dan is-sens;*

*Jekk l-iskop li din il-procedura hu biex tarbija ma tibqax maghrufa bhala llegittima, il-ligi tipprovdi rimedju ghal din il-problema fl-***artikolu 101 et seq. tal-Kodici Civili***. Jekk l-iskop hu biex il-missier jiccahhad mid-drittijiet fil-patria potestas, dan ghandu jsir skond l-***artikolu 154 ta' l-istess Kodici."**

Illi minn dan kollu jidher car li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha anke jekk wiehed ihares lejn dak li inghad mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **"Fl-atti tar-rikorsi ta' Martin Vella prezentati fil-25 ta' Lulju 1988 u fis-6 ta' Ottubru 1998 fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili"** fil-25 ta' April 1991 b'rispett ghall-hajja tal-familja kif garantita mill-kostituzzjoni li f'dan il-kaz jigi wkoll trasmess fl-interess ta' l-istess minuri w ukoll fl-interess tal-missier naturali tal-istess minuri, li mhux biss wera interess fl-istess tifla, izda wkoll ha l-passi kollha sabiex llum rrikonoxxa formalment l-istess tarbija w ukoll ghamel il-proceduri kollha sabiex l-access mal-istess minuri ma jigix lilu negat. Fuq kollox jirrizulta li huwa kemm il-darba kellu access ghall-istess minuri u ma hemm imkien l-ebda prova li huwa kien ta' xi dannu ghall-istess minuri u fil-fatt l-ebda allegazzjoni dwar dan ma saret, kien x'kien il-karattru tieghu – u dan apparti li dejjem hemm mezz sabiex jittiedhu s-salvagwardji fl-interess tal-minuri jekk biss ikun hemm bzonn sabiex jigi regolat l-istess access, u jittiehdu l-provvidementi opportuni fl-interess tal-minuri.

Illi apparti dan huwa dejjem fl-interess tal-minuri li jkollu kuntatt mal-genituri tieghu jekk ic-cirkostanzi jippermettu,

u tali access jista' facilment jigi regolat. Certament f'kaz ta' xi problema s-soluzzjoni ma' hijiex li wahda mill-genituri tadotta lill-istess minuri bla mal-genitur l-iehor ikun jaf, ghaliex dan huwa u jkun biss abbuz tal-procedura u ta' l-istitut ta' adozzjoni.

Illi ghal dak li nghad mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu b'referenza ghall-kawza kostituzzjonali gja citati din il-Qorti ghandha s-segwenti osservazzjonijiet. Illi fil-fatt f'din id-decizjoni odjerna kull ma qed taghmel din il-Qorti hija li thares lejn l-interess tal-minuri, u huwa fl-interess tal-istess minuri li tkun taf min huwa missierha w iktar u iktar li dan jigi rikonoxxut bhala tali, *stante* li dik hija l-verita' li tirrizulta minn din il-kawza; tinnota wkoll li l-fattispeci tal-kaz in ezami huma ghal kollox differenti minn dawk fis-sentenza citata. Hawn ghandha kaz fejn l-omm tat-tarbija hahdet il-proceduri ta' adozzjoni bl-iskop uniku sabiex legalment toqtol id-drittijiet tal-missier fuq l-istess minuri. Illi f'dan l-isfond il-kummenti tal-istess konvenut, din il-Qorti thoss, li ma humiex serji, iktar u iktar meta mill-provi jirrizulta li l-istess attur kellu kuntatt sew mal-istess minuri ghal-ewwel sentejn minn hajjitha, kif l-istess xhieda u dokumenti, ittri tal-konventa stess u ritratti juru, izda li dwarhom l-istess konvenuta ma' qalet assulutament xejn.

Illi apparti dan jirrizulta ampjament li l-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ma kienux regolari *stante* li ma kien hemm l-ebda raguni valida ghaliex missier l-istess minuri qatt ma gie notifikat biex almenu jinstema' mill-istess kuratur jew mill-Qorti. Anzi jidher li dan ma nstemghax mill-istess Qorti u l-istess kuratur specjali, ghaliex dawn gew hekk szvijati mill-konvenuta.

Illi dwar l-interess tat-tarbija jidher li ma hemm l-ebda dubju li l-interess taghha huwa li tigi ndikata bhala bint il-missier naturali taghha u certament li l-istess tarbija ma' ghandhiex tigi mhollija fl-ghama dwar il-vera identita' taghha. Hawn mijiet ta' tfal u kbar li jbatu ghaliex ma' jafux minn kienu l-vera l-genituri taghhom, jew il-missier jew l-omm taghhom; u huwa zgur li l-Qorti ma ghandhiex tintuza minn hadd sabiex l-identita' tal-genitur tigi mohbija,

u lanqas sabiex dritt ta' genitur jigu sottratt. Il-Qrati ma jezistux ghal dan l-ghan, specjalment Qorti tal-Familja. Din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-interess tal-minuri u l-interess tal-missier iwasslu ghall-unika konkluzzjoni plawsibbli fic-cirkostanzi u cjoe' li t-talbiet attrici ghandhom jigu lkoll milqugha u l-verita' u l-gustizzja b'hekk mhux biss tinghad fl-astratt, izda wkoll isehh, ghaliex il-konvenuta ma kellha qatt tuza l-istess proceduri ta' adozzjoni ghall-iskopjiet taghha sabiex telimina lill-attur mid-drittijiet tieghu fuq l-istess minuri.

Illi dan johrog b'mod car ukoll minn dak li qalet l-istess konvenuta fil-kontro-ezami taghha fejn sostniet li hija ma informatx lill-attur bil-proceduri ta' adozzjoni u wkoll li meta bdiet il-proceduri ta' adozzjoni kienet thalli lit-tifla mal-attur u l-familjari tieghu. Mhux hekk biss izda l-istess konvenuta ammettiet li l-attur ma irrokonxiex lit-tifla sabiex hija tkun tista' tiehu r-relief – vide seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2003. Dan kollu jindika li l-elementi bazici sabiex l-missier ma jinstemax ma kienux jezistu u dan jirrendi l-proceduri quddiem is-Sekond'Awla u l-konsegwenti digriet bhala nulli u bla effett, u dan apparti li l-istess konvenuta deliberatament skvijat lill-istess Qorti dwar l-interess ta' l-attur fuq l-istess tarbija, u hija sorprendenti kif, apparti x-xhieda kollha fuq indikata, l-istess konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, dwar dan ma qal xejn; anzi ghamel osservazzjonijiet li totalment jinjoraw ir-rizultanzi kollha ta' dan il-process, fejn huwa ammess li l-istess attur huwa missier il-minuri, li l-adozzjoni saret minn wara darhu, u mhux minnu li huwa ma weriex interess fl-istess minuri.

Illi din il-Qorti llum tinnota li s-sitwazzjoni f'dan il-kaz kompliet tiggrava peress li jidher li l-istess minuri qed tirreferi ghall-persuna li maghha jidher li l-konvenuta ghandha relazzjoni bhala *daddy* u certament dan qed issir bl-inkoragament tal-istess konvenuta. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan imurr kontra l-interess tal-istess minuri li qed tkompli tigi mhawwda dwar l-identita' tal-genituri taghha w ukoll fl-ahhar mill-ahhar tal-identita' taghha.

Illi dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li dik li kienet l-Prim'Awla tal-Qorti

Civili, li quddiemha giet istwieta din il-kawza ghandha gurisdizzjoni u kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi dan l-kaz abbazi ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 32 tal-Kap 12** u dan ovvjament jinkludi l-kazijiet dwar revoka ta' digrieti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Illum tali kazi ghaddew f'idejn il-Qorti tal-Familja hekk kif illum kostitwieta.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, **tilqa' t-talbiet attrici** bis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tordna t-thassir u r-revoka *contrario imperio* tad-digriet numru 1253/A/2001 datat 13 ta' Frar 2001 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu l-konvenuta addottat lill-minuri Chalise Nicole *stante* li tali digriet ta' adozzjoni qed jigi ddikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 2346/1999 u specifikatament fil-kolonna fejn ghandhom jidhru l-konnotati tal-missier tat-tarbija u cioe' l-isem u l-kunjom, il-professjoni, is-sengha jew stat iehor, l-eta', id-data tat-twelid, fejn twieled u fejn joqghod l-isem u l-kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet jigu nseriti l-konnotati tal-attur u tithassar kull referenza ghall-adozzjoni tal-istess minuri (jekk hemm) kemm fl-istess certifkat u kemm f'kull sezzjoni tal-istess registru, b'dan li kull ordni moghtija mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet taghha datat 13 ta' Frar 2001 qed tigi permezz ta' din is-sentenza revokata u dan in virtu ta' din id-decizjoni u minflok l-istess minuri tigi indikata bhala li hija l-wild ta' l-attur Reginald Bugeja, u jigi ndikati l-konnototi kollha tieghu bhala missier l-istess tarbija, u cjoe' li huwa iben il-mejjet Paul u Doris nee' Hole, imwieled Pieta u residenti Rabat, Malta tal-karta ta' l-identita' 505272 (M), u d-dettalji kollha relattivi b'mod li l-

istess attur jigi ndikat bhala l-missier ta' l-istess minuri w il-kelmiet *"unknown father"* jigu wkoll ikkancellati;

3. Tordna illi tali korrezzjoni ssir f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kollha kontra il-konvenuta Charmaine Calleja.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Din il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunika u notifikata a spejjez attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wara li jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji fil-konfront tal-konvenuta Charmaine Calleja jiehu l-passi kollha opportuni inkluzi jekk ikun il-kaz dawk ta' proceduri kriminali kontra l-istess Charmaine Calleja u dan ukoll *in vista* tad-dikjarazzjoni taghha bil-gurament quddiem il-Qorti tas-Sekond'Awla Civili u senjatament dik moghtija minnha fit-13 ta' Frar 2001.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------